TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 286/12/GB

**Joseph Zerafa**

**vs**

**Nouvelle Idee'**

Illum 11 ta' Settembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u hamsin Ewro (€150.00), rapprezentanti l-prezz li hallas lis-socjeta' ntimata ghall-'printing' ta' l-inviti tat-tieg li kien ordna minghandha, liema spejjez ma kienx inkluzi fil-kont originali.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fid-19 ta' Novembru 2011, huwa flimkien ma' martu kienu marru ghand is-socjeta' ntimata fejn ghazlu l-inviti tat-tieg, ordnawhom u hallsu depozitu fl-ammont ta' mitejn sitta u ghoxrin Ewro (€226.00) fuq l-ammont totali ta' sitt mija u tmenin Ewro (€680.00).

F'Marzu 2012, ir-rikorrent u martu kienu regghu ltaqaw ghand is-socjeta' ntimata fejn gie konkluz il-format ta' l-inviti. Ir-rikorrent imbaghad kien ikkonferma tali format f'April 2012.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

F'Mejju 2012, is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrent li l-inviti kienu lesti sabiex jingabru. Fil-11 ta' Mejju 2012, ir-rikorrent kien mar jigbor l-inviti u jhallas il-kont diga' miftiehem fl-ammont ta' sitt mija u tmenin Ewro (€680.00), minn liema ammont kien diga' hallas depozitu ta' mitejn sitta u ghoxrin Ewro (€226.00) u ghalhekk kien hemm pendenti l-ammont ta' erbgha mija erbgha u hamsin Ewro (€454.00). Fil-mument li r-rikorrent kien ser jaghmel dan il-hlas, is-socjeta' ntimata kienet informatu illi kellu jhallas ukoll l-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150.00) ghall-ispejjez tal-printing.

Ir-rikorrent kellu jhallas dan l-ammont, pero' huwa ma kienx kuntent li jaghmel hekk stante illi dawn l-ispejjez qatt ma kienu ssemmew mis-socjeta' ntimata fid-diversi laqghat li kellhom maghha.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jiddetermina t-talba attrici stante li dak li qed jitlob l-attur ma jaqax taht l-ambitu tal-Kap. 378 stante li la jittratta dwar oggett li mhux konformi u lanqas dwar servizz moghti hazin.

2. Illi preliminarjament ukoll it-talba hija preskritta bid-dekors ta' xahrejn skond l-Artikolu 79 tal-Kap. 378 u dan peress illi l-ilment tressaq tardivament.

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-ammont miftiehem kien jirreferi ghall-inviti biss minghajr 'printing' kif dejjem isir. Gie spjegat kjarament lir-rikorrent illi ghall-'printing' kien ser ikun hemm extra charge.

4. Illi tant ma kienx hemm kwistjoni dwar dan illi meta gabar l-inviti r-rikorrent hallas kollox minghajr problemi u addirittura ghamel ordnijiet ohra sussegwenti ta' souvenirs. Kien biss erba' xhur wara illi r-rikorrent ressaq l-ilment in kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.JZ1 sa Dok.JZ3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**